MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 557/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Malone Debono ta' 22 sena bin Carmelo u Veronica nee` Grech imwieled Pieta` fi 12 t'Awissu 1988 u joqghod Flat 2 Qasam Bini tal-Gvern Blk C4 Triq Mahatma Ghandi Fgura u detentur tal-karta tal-identita' b'numru 373088M**

**Gordon Micallef ta' 18 il-sena bin Geoffrey u Antoinette nee` Gili imwieled Pieta` fis-16 ta' Lulju 1992 u joqghod 44 Maria Addolarata Triq il-Fabbriki Xghajra detentur tal-karta tal-identita` numru 351092M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati Malone Debono u Gordon Micallef li gew akkuzati talli b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe`:

Talli f'xi hin wara nzul ix-xemx fix-xahar ta' Frar 2011 waqt li kienu fi Triq il-Mediterran Pembroke ikkommettew serq ta' apparat tal-muzika li jikkonsistu subwoofer, stereo u speakers ghall-valur ta' madwar 420 ewro, kif ukoll mobile tal-marka Samsung u ammont ta' CDs ghal valur ta' madwar 50 ewro minn vettura tal-ghamla Peugeot numru tar-registrazzjoni AAJ881 ghad-detriment ta' Joshua Axisa minn Hal-Qormi liema serq aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 ewro, lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fuq vettura Puegeot numru tar-registrazzjoni AAJ881 liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 Euros (Lm50) izda inqas minn 116.59 Euros (Lm500) ghad-dannu ta' Joshua Axisa minn Hal-Qormi.

Ukoll talli f'xi hin bil-lejl fix-xahar ta' Novembru 2010 ikkommettew serq ta' anglu minn parapett tar-residenza bl-isem 122, The Cottage sitwata fi Triq il-Merhba Fgura ghad-detriment ta' Anthony MacKay mill-Fgura liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bil-lok.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-24 ta' Dicembru 2010 u l-25 ta' Dicembru 2010 waqt li kienu fi Triq Mahatma Ghandi Fgura ikkommettew serq ta' kartiera li kien fiha Visa Card tal-Bank of Valletta, zewg BOV cashlinks, licenzja tas-sewqa, u ADT Tag minn Xarabank tal-Linja ghamla Leyland numru tar-registrazzjoni EBY584 ghad-detriment ta' Ramon Muscat mill-Fgura liema serq hu ikkwalifikat, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet f'dawn il-gzejjer xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom liema oggetti msemmija li kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-

valur li ma jeccedix it-2329.37 ewro, lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Malone Debono wahdu akkuzat talli fix-xahar ta' frar 2011 saq vettura tal-marka Opel Nova numru ta' registrazzjoni DAF798 minghajr licenzja tas-sewqwan u b'hekk ma kienx kopert bil-Polza ta' Assigurazzjoni dwar riskju ta' terzi persuni.

U aktar talli irrenda ruhu recidiv  ai Termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfornt taghhom  Illi fir-rigward tal-imputat Malone Debono ghalkemm huwa akkuzat li hu recidiv, izda mill-fedina penali irrizulta li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data taghha u kwindi l-Qorti ser tghaddi biex tapplika l-artikolu 49 biss fil-konfront tal-imputat Malone Debono.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fedina penali taghhom, kif ukoll il-fatt illi r-resfurtiva giet ritornata lid-derubat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(e)(f)(b)g), 263, 268, 269, 270, 271, 278(3), 325(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront tal-imputat Malone Debono wara li rat ukoll l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 u l-artikolui 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhomu tikkundanna lill-imputat Malone Debono ghal piena ta' sentejn prigunerija

u lill-imputat Gordon Micallef ghal ghoxrin xahar prigunerija liema perjodi ta’ prigunerija wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza .

Inoltre l-imputat Malone Debono qed jigi sospiz milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hatja ihalsu lil Joshua Axisa s-somma ta’ tlett mitt euro (€300) f’somma indaqs bejniethom u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------